KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: sliemalocalcouncil.com

# LAQGĦAT TAL-KUNSILL TAS-SLIEMA TAD-DISA' LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 74

It-Tnejn u sebgħin seduta tad-disa' leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet nhar l-Ħamis 25 t' April 2024 fis-6pm ġo sala ġewwa Pjazzetta, Triq Għar il-Lembi Tas-Sliema.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | John Pillow | Sindku |
| | Anton Debono | Viċi Sindku |
| | Wallace Vella Baldacchino | Kunsillier |
| | Emmanuel Borg | Kunsillier |
| | David Muscat | Kunsillier |
| | Kevin Wain | Kunsillier |
| | Anthony Galea | Kunsillier |
| | John Dougall | Kunsillier |
| | Vivienne Galea Pace | Kunsillier |
| | Jacqueline Higgans | Kunsilliera |
| ASSENTI **B'APPOLOGIJA** | Paul Radmilli | Kunsillier |
| **(Skont Ordni Permanenti 14A (3)** | David Soler | Kunsillier |
| | Illona Fenech | Kunsilliera |
| **ASSENTI** | | |
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Pierre P Portelli | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| | Stefania Friggieri | Assistent Uffiċċjali Prinċipali |

***Is-Seduta bdiet b'din l-Aġenda fis-6:25pm:***

74.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
74.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 73;
74.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;
74.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri:
74.5 Rapporti;
74.6 Items Oħra;
74.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapporti tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati;
74.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;
74.9 Mozzjonijiet;
74.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

## 74.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI

**74.1.1** Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi rċieva ittra ta' apoloġija mingħand il-kunsilliera: P. Radmilli u D. Soler

## 74.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA NUMRU 73

**74.2.1** Ġew imressqa dawn l-emendi mill-kunsillier P Radmilli:

*Emendi għal 73.7.6 li jinbidel minn:*

"L-ebda kont" jitbiddel għal "l-ebda ftehim".

U

"Kull xoghol" jitbiddel għal "kull servizz professjonali li jitqabbad mill-Kunsill"

Is-Sindku ressaq il-minuti tal-laqgħa 73 għall-approvazzjoni.

**Il-Kunsillier E Borg ippropona l-approvazzjoni tal-minuti hekk kif korretti u kien s-sekondat mill-kunsillier J B Dougall. Kien hemm qbil unanimu mill-kunsilliera preżenti.**

## 74.3 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

**74.3.1** Is-Sindku qal li kellu laqgħa mac-Chairperson ta' l-*istreet Naming Committee*, ħabba l-kwistjoni ta' Fort Cambridge. Qal li kien hemm qbil li din il-blokka ta' appartamenti u uffiċini tissemma 'Fort Cambridge Tigne'. Il-laqgħa kienet waħda kordjali u pożittiva.

Il-Kunsillier J B Dougall issuġġerixxa li jkun hemm xi forma ta' kommunikazzjoni diretta ma dawk in-nies li jgħixu ġewwa Fort Cambridge, sabiex jiġu nfurmati dwar dan it-tibdil.

74.4 **TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI**

74.4.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal it-talba li kien ressaq il-Viċi Sindku rigward un/loading bay fi Triq il-Kbira, l-uffiċċju tal-kunsill agħmel din it-talba lit-TM u għadna qed nistennew risposta. *Permess TM un/loading bay*

74.4.2 Rigward ir-*Retenetion Policy* tal-files li jridu jiġu mormija, ħa jsir laqgħa online fit-13 ta' Mejju. (Din issa ġiet posposta għal 14 ta' Ġunju) Pero' fl-istess ħin il-kunsill xorta ser jibda għaddej bil-proċess biex files antiki jiġu mormija permess ta' *mobile shredding van*. *Files Retention Policy*

74.4.3 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li rigward it-twaħħil ta' kaxxi dwar il-valenu tal-ġrieden, il-Viċi Sindku iltaqa' ma l-operatur li ġie magħżul għal dan ix-xogħol. Bdew jitwaħħlu 50 kaxxa fit-toroq diversi madwar il-lokalita'. *Nasses tal-ġrieden*

74.4.4 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv tkellem dwar it-talba tal-kunsilliera V Galea Pace, rigward is-siġar taċ-Ċipress li hemm fi Triq Dingli, sabiex dawk is-siġar li għandhom bżonn jiġu ddrittati b'xi injam għall-appoġġ. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv, qal li dan l-intervent sar mill-kuntrattur tal-landscaping, tal-kunsill. Kompla jgħid li fejn iż-żona magħrufa bħala t-tlett siġriet ġew installati sitt qsari imdaqqsin u tneħħew il-qsari mkissrin tal-konkos, kif ukoll il-bollards ġew miżbugħin b'kulur *midnight blue* u l-bank ta' l-injam ġie ixkatlat u miżbuħ ukoll u twaħħal *bin* ġdid ukoll. *Twaħħil ta' pjanti u qsari ġodda madwar il-lokalita'*

Il-Viċi Sindku qal li f'ċertu lokalitajiet qed isir żbir ta' xi siġar, kompla jsaqsi għalfejn f'tas-Sliema biss ma sarx dan iż-żbir. Is-Sindku qal li m'hemmx permessi ta' l-ERA sabiex isir dan it-tip ta' xogħol. Kompla jgħid li kien hemm żmien fejn il-kunsill kellu permessi f'idejħ biex isir ċertu tirqim. Is-Sindku saqsa lis-Segretarju Eżekuttiv biex jikteb lill-kuntrattur u jsaqsi jekk jistgħax japplika għal permess mill-ERA.

74.4.5 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv spjega li l-materjal biex jitwaħħlu l-ventilaturi tal-ħamiem ġew ordnati u ser jaslu l-uffiċċju u x-xogħol jibda minnufih. *Ventilaturi tal-ħamiem*

74.4.6 Is-Sindku qal li l-fanali tax-Xatt li ser isiru ġodda mill-TZRA ser jibdew jinbiddlu mill-aħħar ta' Settembru. Dan għaliex jekk ċertu xogħol ta' tkissir ta' kolonni tal-konkos ma jistgħax isir fix-xhur tas-sajf

74.5 **RAPPORTI**

74.5.1 Ġew ippreżentati r-rapporti mill-*contracts manager* għax-xogħolijiet li saru minn Marzu sax-xahar t'April. *Rapporti*

-----

**Il-kunsillier K. Wain u l-kunsilliera J Higgans daħlu għal laqgħa fis-7:30pm**

## 74.6 ITEMS OĦRA

**74.6.1** *Tenders*

L-Aġent Seg. Eżek. spjega li t-tender tal-*pedestrinization* ta' parti tat-toroq ta' Howard ma Dingli huwa lest biex jiġi ppublikat u la jingħalaq it-tender skont il-ħin allokat mill-proċedura, ix-xogħol f'din iż-żona ser jibda f'Ottubru u jitlesta sa l-aħħar ta' Jannar.

**74.6.2** *Van tal-ħaddiema tal-kunsill*

L-Aġent Seg. Eżek qal li l-van tal-ħaddiema tal-kunsill li għandna bħalissa mhuwiex adegwat u attrezzat għax-xogħol. Għalhekk ser nitolbu għal tlett stimi biex isir *long-term leasing* ta' van ġdid bl-opzjoni li l-van jinxtara bi prezz skont daq li jiddetta s-suq fi żmien ħames snin oħra.

**74.6.3** *Tkeċċija tas-sur Angelo Scerri*

L-Aġent Seg. Eżek qal li kellu jieħu deċiżjoni iebsa li ma staqx jieħu sa ċertu punt. Din id-deċiżjoni kienet tirrigwarda t-tkeċċija mix-xogħol tas-sur Anġelo Scerri bħala xufier tal-Van tal-kunsill li jittrasporta lir-residenti ta' kuljum. Kompla żid, li minn nhar l-Ħamis 2 ta' Mejju, s-sur Marco li huwa mpjegat *full-time* mal-kunsill ser jibda bħala x-xufier uffiċjali. Din id-deċiżjoni ttieħdet wara numru ta' rapporti li kien rċieva dwar l-għaġir mhux xieraq waqt li kien fil-qagħdi ta' dmirijietu u kif ukoll ħabba li l-kunsill ma kellu l-ebda garanzija li l-sponsor mingħand Pama/Pavi kine ser jiġi estiż għas-sena li ġejja. Permezz ta' dan l-isponsor s-sur Scerri kien imħallas direttament mill-isponsor.

**74.6.4** *Installazzjoni artistika għal Triq Bisazza*

L-Aġent Seg. Eżek spjega li kien irċieva l-idea ta' installazzjoni artistika għal triq Bisazza. Qal li din l-installazzjoni tista' tkun waħda temporanja għaliex ma tiswiex ħafna flus, madwar EUR6,500 u saqsa jekk hemm qbil li dan jista' jiġi approvat mill-kunsilliera preżenti ħalli x-xogħol jinbeda u forsi jitlesta qabel l-elezzjoni.

Il-kunsillier K. Wain qal li fid-dinja moderna li ngħixu fiha llum ma nistgħux nibqgħu nużaw statwi li forsi lanqas jagħtu ġieħ sura lin-nies li l-kunsill jixtieq jonora. Sostna li proġett bħal dan jixraq ferm lill-lokalita" moderna u kożmopolitana bħal mi tas-Sliema.

Il-kunsilliera V Galea Pace ikkummentat li r-ritratt ta' Ġemma Portelli għandu jiġi mibdul għax huwa ritratt ta' meta hi kienet għada żgħira ħafna.

Il-kunsillier J B Dougall qal li peress li hemm 3 naħat differenti, u hemm 5 artisti, l-kunsill għandu jara li jsib is-sitt artista Slimiża.

Is-Sindku qal li mhuwiex konvint li fuq din l-installazzjoni. Qal li għal bidu nett ma kienitx togħbu l-idea pero' jaħseb li għalissa dan għandu isir b'mod temporanju.

Il-kunsillier K. Wain qal li bust jew statwa huwa iktar xi ħaġa ta' crafts milli artistiku essaċċ. Qal li barra minn Malta m'għadhomx isiru dawn it-tip ta' statwi.

Il-Viċi Sindku qal li jgħoġbu sa ċertu punt. Sostna li hemm bżonn isir studju sew għal Triq Bisazza. Sostna li anke peress li l-prezz ta' din l-installazzjoni artistika hija baxxa, maż-żmien dan xorta ma jkollux xi preġju kbir. Kompla jgħid li l-artist li bena l-monument ta' qabel, kien ħalla siġġu vojt biex minn ikun għaddej minn ħdejn dan il-monument ikun jista' jieħu ritratt bilqegħda ħdejn l-artisti.

Il-kunsillier K. Wain irrisponda lil Viċi Sindku u qal li għandna nsibu xi ħaġa li tirralata ma dawk it-turisti moderni li qed jiġu f'pajjiżna.

Fuq dan il-punt l-Aġent Seg. Eżek, qal li skont l-opinjoni tiegħu din it-tip ta' installazzjoni tista' tkun fiha nfisha attrazzjoni għal dawk il-ħafna turisti żgħażagħ li jżuru lil tas-Sliema fix-xhur tas-sajf.

Il-kunsillier J B Dougall qal li jaqbel ma din l-installazzjoni artistika u dan għandu isir għal mod temporanju, imbagħad jinbidel f'monument.

L-Aġent Seg. Eżek. staqsa d-domanda: Min jaqbel li din l-installazzjoni artistika tkun approvata b'mod temporanju? *Vot installazzjoni artistika Triq Bisazza*

Kien hemm qbil unanimu mill-kunsilliera preżenti li din l-installazzjoni artistika issir b'mod temporanju.

**74.6.5** Il-Viċi Sindku qal li hemm raġel ta' karnaġjon skura li huwa *homeless* li qiegħed jorqod fil-komun ta' ċertu appartamenti. Ħafna residenti ilmentaw miegħu dwar dan. Hu saqsa jekk il-pulizija jistgħux jagħmlu xi ħaġa dwar dan. *Persuni homeless*

Is-Sindku irrisponda billi qal li kien kellem personalment lis-Supretendent Haber dwar dan il-każ u każijiet oħrajn, fejn is-sur Haber sostna li m'hemm xejn fil-liġi Maltija li tgħid li dawn il-persuni ma jistgħux jorqdu fil-komun tan-nies jew barra fit-triq.

**Il-Kunsillier D. Muscat daħal mill-laqgħa fit-8:10pm**

**74.6.6** Il-Viċi Sindku staqsa lil Kunsillier P Radmilli li ma kienx preżenti għal laqgħa biex jikkonsidra il-pożizzjoni tiegħu biex jerġa' jikkontesta l-elezzjonijiet tal-KL. Kompla jgħid li jekk il-kunsillier P Radmilli ma jridx jikkontesta l-elezzjonijiet, allura bħala Viċi Sindku jirringrazzjah għax-xogħol siewi u l-kontribuzzjoni li tah lill-KL. *Rikonoxximent għal Kunsillier P Radmilli*

74.6.7 Il-Viċi Sindku semma l-inċident li seħħ fi Triq Injazju fejn tilef ħajtu ħaddiem tal-kostruzzjoni ta' nazzjonalità' Albaniża. Kompla jgħid li bħalissa l-ġirien li spiċċaw barra min darhom jixirqilhom l-appoġġ kollu mill-komunità Slimiża. Qal ukoll li qiegħed f'kuntatt mas-Supritendent M Haber ta' l-għassa ta' tas-Sliema sabiex jara li kemm jista' jkun titkompla l-investigazzjoni u tara li din ma jdumx wisq. Il-Viċi Sindku ippropona li l-kunsill lokali jrid jara kif ikellem lill-awtoritajiet konċernati sabiex titħaffef l-investigazzjoni. Kompla jgħid li fiż-żmien ġimgħatejn ser jinforma l-uffiċċju tal-kunsill dwar x'hemm bżonn isir sabiex l-istess uffiċċju jeżerċita' ċertu pressjoni fuq l-awtoritajiet kompetenti, biex l-investigazzjonijiet jimxu il-quddiem b'ritmu mgħaġġel. *Inċident fatali fi Triq Injazju*

Il-kunsillier K Wain qal li hemm bżonn li jkun hemm aktar għarfien minn naħa tal-kunsill dwar l-imwiet fuq il-postijiet tax-xogħol li qed iseħħu ta' spiss anke fil-lokalita' tagħna/ Kompla jgħid li tkun idea tajba jekk il-kunsill lokali jibda jagħmel ċertu pressjoni fuq il-midja permezz ta' stqarrijiet.

74.6.8 Il-kunsill qabel unanimament li jagħti ammont ta' EUR500 lis-Sliema Wolves. *Sliema Wolves*

74.6.9 Il-Kunsillier T. Galea qal li l-kumitat tal-finanzi iltaqa' sabiex jiffinalizza l-objettivi u l-applikazzjoni għall-iskema għall-attivitajiet għal kommunita' Slimiża. Qal li fil-15 ta' Mejju ser issir it-tnedija ta' din l-iskema ġewwa l-lukanda The Palace u ser jiġu mistiedna l-għaqdiet non governattivi u volontarji kollha li huma rreġistrati f'tas-Sliema. *Skema attivitajiet għal kommunita'*

L-Aġent Seg. Eżek. qal li wara li jitnieda l-iskema huwa importanti li jinħatar il-bord ta' evalwazzjoni.

74.6.10 Il-kunsillier K Wain qal li peress li l-istaġun tas-sajf wara l-kantuniera, jkun għaqli li l-kunsill jara li s-slielen tal-bajjiet ikunu f'posthom u li ċertu żoni ma jkunx hemm ebda sbroff ta' dranaġġ. *Bajjiet*

74.6.11 Il-kunsillier W Baldacchino staqsa jekk l-iskema ta' l-attivitajiet tkoppri t-tagħmir għall-għaqdiet sportivi.

74.6.12 Il-Viċi Sindku rrisponda u qal li l-għan ewlieni ta' din l-iskema trid tkun sabiex isiru iktar attivitajiet fil-lokalita', attivitajiet li jinvolvu l-kommunita' Slimiża.

## 74.07 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORTI TAL-LAQGĦAT TA' KUMITATI U/JEW SOTTO KUMITATI

Ma kien hemm l-ebda rapporti mis-sotto kumitati

## 74.08 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI

**74.08.01** Ġiet imressqa l-iskeda ta' pagamenti għall-approvazzjoni tal-kunsill

*Approvazzjoni tal-pagamenti*

Il-Kunsillier T Galea ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti.
Il-kunsilliera V Galea Pace issekondat.

**Kien hemm qbil fost il-kunsilliera preżenti.**

## 74.09 MOZZJONIJIET

**74.09.1** Ma kien hemm l-ebda mozzjoni

## 74.10 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

**74.10.01** Is-seduta ntemmet fil-9:35pm.

Laqgħa oħra ġiet imsejħa għal nhar it-Tlieta il-21 ta' Mejju, 2024, fis-6pm.

John Pillow

Sindku

Pierre P Portelli

Aġent Segretarju Eżekuttiv